**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 ta' Marzu 2022**

Rikors Numru: 544/21 AL

AB

vs

CD

(MR Nurmu 1705/2007)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar l-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) f'Madliena, Malta u dan, kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat Dok A.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieledu zewgt (2) itfal: XXXX, illi twieldet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u XXXXXX illi twieldet fit-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010), u ghalhekk huma minuri.

3. Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Diane Magro datat il-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019); vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dok B.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti arretrati ta' manteniment kemm fir-rigward ta' ulied il-partijiet, kif ukoll bejn il-kontendenti fil-konfront ta' manteniment pagabbli lil xulxin.

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi ilhom legalment separati mis-sena elfejn u dsatax (2019), il-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponenti qieghed jannetti affidavit tieghu, ma dan ir-rikors, mmarkat Dok C.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta’ Dicembru 2021;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla twiegeb li m’ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Mejju 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.